## TWELID TAL-BANDA 'LOURDES' INTERVISTA MA' MEMBRU ANZJAN U EX-BANDIST IS-SUR LOUIS GALEA





LEWIS GALEA – 1927

**Fl-okkażjoni ta' għeluq il-45 sena mit-twaqqif tal-Banda 'Lourdes', ħsibna biex nitkellmu ma' wieħed mill-membri anzjani tas-Soċjetà u li għal żmien twil kien ukoll wieħed mill-ewwel bandisti tal-Banda 'Lourdes'. Dan huwa s-Sur Lewis Galea li twieled il-Qrendi fis-16 ta' Jannar 1902. Ta' min jgħid ukoll li l-Banda 'Lourdes' kienet twaqqfet fl-1942 taħt id-direzzjoni ta' l-ewwel surmast tagħha, Mro. Michael Ciantar minn Ħaż-Żebbuġ. L-intervista mas-Sur Galea kienet din:**

*Kif tħajjart li tissieħeb mas-Soċjetà Filarmonika 'Lourdes'?*

"L-ispirtu, il-ħeġġa u l-imħabba lejn is-Soċjetà Mużikali 'Lourdes' wassluni biex nagħti sehem sħiħ u niddedika parti sewwa minn ħajti għall-ġid ta' din l-għaqda. Bħala tifel kont midħla sewwa tal-każin u xtaqt li nieħu sehem f'kull attività li kienet issir speċjalment fl-Orkestra li għal żmien twil il-Każin tant kien kburi biha."

*Kif kont tħajjart li titgħallem iddoqq strument mużikali?*

"Fl-Orkestra kien hemm ċertu Ġużeppi Agius li kien idoqq il-kuntrabaxx u dan kien spiss jgħidli biex nitgħallem dan l-istrument ħalli waqt xi kunċert jew xi programm inkun nista' nserrħu – daqqa jdoqq hu u daqqa ndoqq jien. Dan kien fl-1920, u dik is-sena kien il-bidu tal-karriera tiegħi bħala bandist mas-Soċjetà 'Lourdes'."

*X'kien ġara li l-Każin iddeċieda li minnflok iżomm l-Orkestra 'Bellini' jaqleb u jifforma Banda?*

"Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, bdiet tinħass il-ħtieġa li l-Orkestra 'Bellini' kienet għamlet żmienha u flokha tiġi ffurmata Banda. Peress li jiena kont Maġġur fl-R.M.A. kont naf lis-Sur Michael Ciantar li kien surġent ukoll fl-R.M.A. u kien kapaċi ħafna għal dik li hija direzzjoni mużikali. Għaldaqstant, jiena kont issuġġerejt lis-Soċjetà sabiex taħtar lis-Sur Ciantar bħala l-ewwel surmast tal-Banda 'Lourdes'. Dan iż-Żebbuġi kien intefa' b'ruħu u b'ġismu għat-twaqqif ta' l-ewwel Banda 'Lourdes' tant li kien saħansitra jiġi l-Każin is-Sibt u jmur lura lejn daru l-Ħadd filgħaxija biex ikollu żmien biżżejjed li jgħallem u jikkunċerta għal xi okkażjoni li fiha kienet tieħu sehem il-Banda."

*Kemm kien hemm bandisti Qrendin fl-ewwel Banda 'Lourdes'?*

"L-ewwel Banda "Lourdes" li twaqqfet fl-1942 kienet iffurmata minn dawn il-bandisti: Benjamin Cassar – flawt, Carmelo Abdilla – quartin, Naz-



Il-President Dr. J. Cassar u Mro. M. Ciantar (1978).



Is-Sur C. Aquilina (1927)

zareno Attard (li għadu jdoqq), Giuseppe Aquilina, Benjamin Cassar, Kalċidon Aquilina, Salvu Magro, Toni Axiaq, Efrem Vella, Giuseppe Farrugia, Nazzareno Fenech – Clarinetti, Benjamin Vella, Michael Brincat, Giuseppe Pace, Nazzareno Magro, Tony Bugeja – Curunetti, Carmelo Aquilina, Jack Magro – Althorn, Nikol Vella, Francis Tabone – Euphonium, Carmelo Tanti, Andrew Mago, Salvu Magro – Trunbum, Salvu Magro, Giuseppe Chircop – Basso mi b, Giuseppe Cassar – Bassi si b, jien – Contrabasso, Edward Cassar – Tambur, Pinu Zammit – Katuba, Tony Falzon – Platti. Dawn il-bandisti kienu kollha mill-Qrendi membri tas-Soċjetà ''Lourdes'', u l-uniċi bandisti barra mir-raħal kienu iż-żewġt itfal ta' l-istess Surmast Ciantar, li kienu jdoqqu wieħed tromba solo u l-ieħor cornu.''

*Xi kwalità ta' mużika kienet tindaqq mill-ewwel Banda 'Lourdes' u f'liema okkażjonijiet kienet tieħu sehem il-Banda?*

''Fost il-bċejjeċ mużikali li kienet iddoqq il-Banda 'Lourdes' kien hemm bċejjeċ operistiċi, mużika militari, marċi brijużi u anke mużika taż-żfin. Ħafna mill-partituri mużikali kien jinġiebu mill-istess Surmast Michael Ciantar li kien jissellifhom mingħand il-Banda militari ta' l-R.M.A. Il-Banda 'Lourdes' kienet tieħu sehem fil-fieri li kienu jsiru fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Ħniena, fil-festa ta' San Mattew tal-Maqluba, fil-programm annwali tal-Banka tal-Lottu u xejn inqas fil-festa ta' l-Arblu li kienet issir fit-8 ta' Settembru ta' kull sena.''

*Kif kienu jsiru l-kunċerti u l-programmi peress li dawl elettriku kien għadu ma wasalx f'dawk iż-żminijiet bikrin?*

''Il-Każin kellu sistema li jagħmel użu minn maġineti ta' l-aċitilena li kienu tajbin biżżejjed biex wieħed jaqra l-mużika wara nżul ix-xemx. Il-kunċerti

*ikompli f'paġna 73*

jaqbad minn paġna 25

kienu jsiru darbtejn fix-xahar u l-bandisti kienu jkunu mimlijin ħeġġa biex jagħtu l-aħjar servizz lis-Soċjetà.''

*Minbarra li kont bandist mas-Soċjetà, inti kellek ukoll karigi oħrajn u anke kont dilettant tan-nar. X'tista' tgħidilna dwar dan?*

''Bħala bandist mas-Soċjetà domt aktar minn 25 sena, iżda jiena kont ukoll kaxxier tas-Soċjetà u anke għamilt żmien prokuratur tal-festa li ta' kull sena kien jorganizza l-każin. Dwar in-nar, jiena kont dilettant sewwa tant li kont naħdem kull kwalità ta' nar minbarra l-murtali tal-bomba għax dawn dejjem kienu f'idejn ħaddieħor. Konna tlett iħbieb u konna nimxu taħt id-direzzjoni ta' xulxin, iżda l-aktar li kont naħdem bil-qalb kienu s-sulfarelli għallavolja dawn kienu perikolużi wkoll. Meta mbagħad darba taru l-kmamar tan-nar u mietu erba' membri tas-Soċjetà, biddilt fehmti u waqaft għal kollox mill nkompli naħdem in-nar għax għaraft sewwa l-periklu li kien fih.''

*Tara xi differenzi bejn iż-żmien tat-twelid tal-Banda 'Lourdes' u l-lum il-ġurnata?*

''Nara differenzi kbar tant li meta twaqqfet il-Banda 'Lourdes', konna ħassejna li l-każin kien għamel passi kbar, iżda l-lum iż-żminijiet tbiddlu u nħoss li f'dawn is-snin, is-Soċjetà Mużikali 'Lourdes' tinsab f'qagħda ferm aħjar minn qabel biex torganizza u jkollha Banda aktar soda u tajba li tkun tista' tagħti s-sehem tagħha fl-attivitajiet li jorganizza l-Każin minn żmien għal żmien. J'Alla l-Banda 'Lourdes' tkompli tikber u tissaħħaħ għall-ġid tas-Soċjetà Mużikali Lourdes.''

fgura
CONFECTIONERY
SUPPLIED BY NERIKU

ST. THOMAS STREET, FGURA

Orders Accepted
WEDDINGS & PARTIES